MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru 1228/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)

vs

Yang Jianqi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur ta' passaport Ciniz numru G13070396, akkuzat:

1. talli fid-19 ta' Novembru 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qligh li jkun ghen, assista, ta' parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew

f'Malta sew barra minn Malta kkongura f'dak is-sens ma' xi persuna jew persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 377A tal-Kap 9;
2. aktar talli fid-19 ta' Novembru 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien u/ma xi persuni jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta (reat bi ksur ta' l-Artikolu 337A tal-Kap 9) li ghalih hemm mil-piena ta' prigunerija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 48A tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat quddiem din il-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2007 jghati l-kunsens tieghu u jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni hu insista anka wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra.

Semghet ix-xhieda kollha imressqa mill-prosekuzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat.

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali r-reat ipotizzat kontra l-imputat huwa ta' traffiku ta' persuni sabiex jiddahlu jew jinhargu minn Malta (Artikolu 337A). L-Avukat Generali skarta l-Artikolu 48A li jittratta l-assocjazzjoni ma' terzi kemm jekk f'Malta jew barra minn Malta biex isir delitt, f'dan il-kaz dak imsemmi fl-Artikolu 337A.

L-ammissjoni tal-imputat tapplika ghalhekk fir-rigward l-akkuza taht l-imsemmi Artikolu 337A citat mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu.

Illi mill-provi imressqa mill-prosekuzzjoni, indipendentement mill-ammissjoni tal-imputat, ghandu jirrisulta minghajr ebda dubbju, li l-imputat ikkommetta r-reat li bih jinsab akkuzat taht l-Artikolu 337A tal-Kap 9. Jirrisulta fil-fatt li fil-gurnata tad-19 ta' Novembru 2006 l-

imputat forna fl-arjoport internazzjonali tal-Gudja, Malta, lil zewg persuni ta' nazzjonalita Ciniza, li xehdu f'dawn il-proceduri, u li kienu 'transit', provenjenti minn Ruma, passaport u 'boarding pass' mhux genwini lil kull wiehed minnhom bl-iskop li jkomplu permezz ta' dawn id-dokumenti mhux genwini, fi triqthom ghall-Ingilterra. Proprjament id-dokumenti inghataw mill-imputat lil wiehed minnhom li mbaghad, u minn naha tieghu, ghadda id-dokumenti relattivi u destinati ghal persuna l-ohra, lil din il-persuna. Dan kollu jirrisulta mix-xhieda taz-zewg xhieda u cjoe tal-persuni li gew forniti bid-dokumenti falsifikati li ghad-dokumenti lilhom forniti halsu lill-imputat is-sommata' 1800 euro u zewg cellulari ta' propjeta' taghhom li gew moghtija lill-imputat li zammhom.

Illi l-Artikolu 337A fuq citat jipprevedi awment fil-piena jekk 'inter alia' meta l-ghadd ta' persuni assistiti kif hemm provdut ikun ta' tlieta jew aktar jew meta r-reat issir bhala attivita' ta' xi organizzazjoni kriminali, skond li jkun il-kaz. F'dawn il-proceduri kontra l-imputat hu it-tieni fattur li jirrisulta u dan mix-xhieda taz-zewg persuni Cinizi li stqarrew, mhux kontradetti, li l-istruzzjonijiet x'kellhom jaghmlu nghatawlhom ic-Cina, fejn kienu wkoll halsu xi flus, u li fost dawn l-istruzzjonijiet kellhom jircievu telefonata fl-arjoport ta' Malta mal-wasla taghhom minn Ruma. Ix-xhieda tax-xhud Shiyun f'dan ir-rigward hija cara bizzejjed. In vista ta' dan l-aggravju l-imputat hu passibbli ghall-piena tassattiva ta' prigunerija sa' massimu ta' disa snin.

Illi l-imputat irregistra ammissjoni li hi inkondizjonata u volontarja. Jinghad pero' li din l-ammissjoni saret meta l-kawza kienet ghal provi tieghu, jgifieri meta l-prosekuzzjoni kienet definittivament ghalqet il-provi taghha, u l-imputat ta' l-kunsens biex il-kawza tinstema sommarjament minn dina l-Qorti. Issa din il-Qorti hi tal-fehma li malgrad l-istadju tardiv tal-ammissjoni l-imputat jisthoqlu jibbenefika minn tnaqqis mill-massimu tal-piena

Ghaldaqstant, u fil-waqt li qeghdha issib l-imputat hati li fid-19 ta' Novembru 2006 f'Malta bil-hsieb illi jaghmel xi qligh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habrek biex

persuni ohra jidhlu jew jghamlu tentattiv biex jidhlu jew johrogu jew jghamlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta dan fil-waqt li r-reat sar bhala attivita’ ta’ xi organizzazjoni kriminali kif jipprovdi l-Artikolu 337A tal-Kap 9, wara li rat l-imsemmi Artikolu 337A u 31 tal-Kap 9 tiddecidi li tikkundanna lill-imputat perjodu ta’ prigunerija ta’ erbghin xahar bit-tnaqqis ta’ kull perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Fl-ahharnett u in vista tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 ukoll citat mill-Avukat Generali tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tan-nomina tal-Avukat David Gatt biex jittraduci mill-Ingliz ghal Malti x-xhieda ta’ Olaf Terribili liema traduzzjoni tinsab folio 99 et seq tal-process u dana skond u fit-termini tac-citat Artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------